MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 604/2006

**Peter Galea**

**vs**

**Emmanuel Cutajar u Valerie Cutajar**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tal-attur li qed jitlob hlas ta’ mitejn u hamsa u disghin lira Maltin (Lm295), illum ekwivalenti ghal sitt mija u sebgha u tmenin Euro u sbatax-il centezmu (€687.17) minghand il-konvenut bhala prezz ta’ invjar maghmul minnu fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta’ Marzu, 2006 u bl-imghax legali.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom ikunu michuda stante illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-valur pretiz huwa wiehed ezagerat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Permezz ta' nota tal-konvenut Emmanuel Cutajar, it-Tribunal gie nfurmat li hu u martu, il-konvenuta Valerie Cutajar, kienu 'de facto' separati u ma kienitx tghix mieghu. Illi kien hemm diversi diffikultajiet sabiex il-konvenuta tigi notifikata u l-kawza giet ceduta fil-konfront taghha fis-seduta tas-16 ta' April, 2007.

Ra x-xhieda tal-attur li spjega li hu jaghmel xoghol ta' invjar, fis-sens li jgib il-hitan fuq il-gebla gdida. Jispjega li kien mar ghand il-konvenut ghaliex kien inharaqlu l-'computer' u konsegwentement inharqet il-kamra. Kien talbu stima ghax-xoghol ta' invjar. Pero', jispjega li ma xtaqx jaghtih stima qabel ma ccerta ruhu li x-xoghol seta' jsir.

Ix-xoghol kellu jsir f'sitt (6) ikmamar, il-kcina, salott, kamra tal-ikel u fil-kuritur li kien kbir daqs tlett (3) ikmamar flimkien.

Kien ha 'sample' ta' madwar metru u l-konvenut kien kuntent b'dan ix-xoghol.

Ighid li minkejja li s-soltu ghal dan ix-xoghol kien izomm bejn erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450), illum ekwivalenti elf u tmienja u erbghin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,048.22), u hames mitt lira Maltin (Lm500), u cioe' ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmi (€1,164.69), izda kienu ftehmu fuq stima ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250), u cioe' ekwivalenti ghal hames mija u tnejn u tmenin Euro u erbgha u tletin centezmi (€582.34), oltre il-VAT.

L-attur jispjega li kien mar jaghmel dan ix-xoghol ma' impjegat tieghu. Kienu hadmu gurnata wahda u minhabba li x-xoghol kien jinvolvi hafna trab, ma kienux marru l-ghada izda hallew gurnata, fejn kienu hadmu mis-sitta ta' filghodu (6.00am) sat-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00pm).

Jikkonferma li kien iltaqa' mal-konvenut darba biss. Meta mbaghad kien ikkuntatjah il-konvenut, kien qallu li ma kienx dispost li jhallsu aktar minn disghin lira Maltin (Lm90), u cioe' ekwivalenti ghal mitejn u disa' Euro u erbgha u sittin centezmu (€209.64), izda l-attur kien irrifjutahom. Imbaghad kien baghat lill-bajjad tieghu b'mija u hamsin lira Maltin (Lm150), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41), li l-attur jistqarr irrifjuta la darba kienu ftehmu fuq mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250), u cioe' ekwivalenti ghal hames mija u tnejn u tmenin Euro u erbgha u tletin centezmu (€582.34), plus VAT.

L-attur jikkonferma li l-konvenut qatt ma lmenta dwar ix-xoghol tieghu.

Ra x-xhieda tal-konvenut li jispjega li kien inharaqlu l-'computer' u kullimkien kien icappas bin-nigrufun.

Kien qabbad lill-attur sabiex jaghmel dan ix-xoghol. Inizjalment, l-attur kien qallu li kien hemm sebat (7) ijiem xoghol u l-prezz kien ta' mitejn u tletin lira Maltin (Lm230), u cioe' ekwivalenti ghal hames mija u hamsa u tletin Euro u sitta u sebghin centezmu (€535.76). Kienu mbaghad ftehmu li jekk l-attur kien idum aktar minn tlett (3) ijiem, imbaghad kellu jhallas l-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250), u cioe' ekwivalenti ghal hames mija u tnejn u tmenin Euro u erbgha u tletin centezmu (€582.34).

Jispjega li l-attur kien qallu li kien ser juza' 'sand paper' qadima sabiex b'hekk kien inehhi n-nigrufun u ma jobrox iz-zebgha. F'gurnata kien kwazi lest  u kien fadal biss kamra u nofs. L-attur ma baqax imur regolarment, u fl-ahhar kien baghat impjegat minn tieghu sabiex ilesti din il-kamra.

Wara dan, l-attur kien ikkomunika mieghu u kien talbu l-prezz ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300), u cioe’ ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u disghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81), izda hu kien baqa’ jirrifjuta ghax fl-ebda hin ma kienu ftehmu fuq dan l-ammont. Izid jghid ukoll li l-attur kien qallu li jekk kien lesta f’gurnata kien kuntent jekk kien jithallas l-ammont ta’ disghin lira Maltin (Lm90), u cioe’ ekwivalenti ghal mitejn u disgha Euro u erbgha u sittin centezmu (€209.64) .

Kien meta gie il-kahhal, li gibidlu l-attenzjoni li l-attur ma kienx ghamel xogholu sew ghaliex suppost l-ewwel kellu jnehhi t-tikhil kollu u jkahhal mill-gdid u mbaghad ibajjad.

Il-kahhal talbu seba’ mitt lira Maltin (Lm700), u cioe’ ekwivalenti ghal elf, sitt mija u tletin Euro u sitta u hamsin centezmi (€1,630.56).
Irrizulta li meta l-attur uza c-‘chaser’, kien kisser it-tikhil li kien jinstab fil-hajt u jekk il-kahhal kellu jahdem, it-tikhil kien jaqa’ wara jumejn u ghalhekk ma kienx jaqbel. Kien gab il-hajt fuq il-gebla u dan ma kienx riedu.

Jispjega ukoll in kontro-ezami li kien qabbad lil xi haddiehor qabel Galea, li kien lahaq ghamel l-kamra tal-ikel u l-kcina. Dan kien izomm tnax-il lira Maltin (Lm12), sebgha u ghoxrin Euro u hamsa u disghin centezmu (€27.95), kuljum u ghalkemm ix-xoghol kien isir sew, kien idum u ghalhekk il-konvenut kien waqqfu.

Jikkonferma ukoll illi lill-attur kien qallu biex jiehu hsieb iz-zebgha ghaliex ma xtaqiex titnehha mill-hajt u jaqbel ukoll li kien hemm ftehim li jekk l-attur idum aktar minn tlett (3) ijiem kellu jhallas mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250), u cioe’ ekwivalenti ghal hames mija u tnejn u tmenin Euro u erbgha u tletin centezmu (€582.34).

Il-konvenut ikompli jistqarr li l-lavrant tal-attur kien ikun hemm fuq il-post u Galea kien gie l-ewwel darba. Meta kienu ftehmu fuq l-istima kien urih kif jahdem, izda peress li l-konvenut kien insista mieghu li ma riedux jobrox iz-zebgha, kien qabel li juza’ xi ‘sand paper’ antik. Izda, ix-xoghol ma kienx sar sew. Minkejja li l-konvenut

jikkonferma li kien tela’ xi hames (5) darbiet f’gurnata fil-post, l-ewwel ighid li ma setax jara minhabba il-foga u mbaghad ighid li kien kuntent bix-xoghol ghaliex ma kienx irrizultalu li kien hemm hsara fil-hajt. Kien wara, meta qabbad il-kahhal biex ibajjad, li dan irrizultalu.

Ighid li ma kienx qabbad Perit, pero’ ma kienx jidher li kien hemm gengil gol-hajt.

Ra x-xhieda ta’ Emmanuel Mizzi li jikkonferma li kien gie mqabbad mil-konvenut sabiex ikahhallu u jbajjad.

Jikkonferma li d-dar tal-konvenut kienet hadet in-nar u ghalhekk kien sar l-invjar, izda peress li ma kienx sar sew, it-tikhil beda jitkisser u minkejja li f’xi bnadi ma kienx inqala’, izda sabiex hu seta’ jerga’ ikahhal u jbajjad kellu jnehhi it-tikhil kollu. Ghal dan ix-xoghol ta’ tibjid u tikhil, kien zamm seba’ mitt lira Maltin (Lm700), u cioe’ ekwivalenti ghal elf, sitt mija u tletin Euro u sitta u hamsin centezmu (€1,630.56).

Ix-xhud jispjega li ilu jaghmel xoghol ta’ bajjad u kahhal ghal circa tletin (30) sena.

Jikkonferma li sabiex isir l-invjar ikun jehtieg li jittiekel parti mill-gebla kif ukoll parti mit-tikhil. Ghalhekk wara li jsir dan, bilfors, li x-xoghol irid jerga’ jiddawwar bit-tikhil. Ighid li l-invjar kien sar sew u li kien sar bil-‘vibrator’ f’dan il-kaz, kif il-kaz kien jitlob.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

L-attur qed jitlob l-ammont ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250), u cioe’ ekwivalenti ghal hames mija u tnejn u tmenin Euro u erbgha u tletin centezmu (€582.34) ghal xoghol ta’ invjar ghall-konvenut.

Dan il-kaz huwa raffigurat minn hafna verzjonijiet kontrastanti u lanqas biss fuq l-ammonti li qed jintalbu ma hemm qbil. Il-konvenut jinsisti li l-ammont dovut u

miftiehem fl-istima kien dak ta' mitejn u tletin lira Maltin (Lm230), u cioe' ekwivalenti ghal hames mija u hamsa u tletin Euro u sitta u sebghin centezmu (€535.76) ghal sebat (7) ijiem xoghol. Kien hemm miftiehem biss li jekk jispicca ix-xoghol fuq tlett (3) granet ghalhekk kellu jhallas l-ammont pretiz mill-attur.

Meta tlesta x-xoghol imbaghad, il-konvenut ried ihallas biss l-ammont ta' disghin lira Maltin (Lm90), u cioe' ekwivalenti ghal mitejn u disgha Euro u erbgha u sittin centezmu (€209.64), izda ttenta jibghat mija u hamsin lira Maltin (Lm150), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41), mal-bajjad, izda l-attur irrifjuta kollox ghaliex dawn l-ammonti ma kienux jirriflettu l-ftehim taghhom.

Il-konvenut eccepixxa li x-xoghol tal-attur ma kienx sar skond is-sengha u l-arti. L-aktar provi in sostenn ta' dan huwa l-fatt 'per se' meta qabbad lil Emmanuel Mizzi bhala bajjad u dan ta' l-ahhar kien allega li x-xoghol ma kienx sar sew u ghalhekk kellu jnehhi t-tikhil kollu u jerga' jaghmlu mill-gdid, qabel ma seta' jbajjad.

Mizzi stess gie jixhed u kkonferma li kellu jaghmel ix-xoghol, pero' jikkonferma ukoll li x-xoghol tal-invjar kien sar sew bil-'vibrator', kif kien mehtieg f'dan il-kaz.
Mizzi jkompli biex ighid li mhux it-tikhil kollu inqala', izda biex seta' jahdem kellu jnehhi kollox. Jikkonferma li l-invjar jirrikjedi li tinqata' parti mill-gebla u parti mit-tikhil u mbaghad fl-ahhar jerga' jsir it-tikhil.

It-Tribunal jasal ghal konkluzjoni li x-xoghol ta' l-invjar sar kif suppost, pero' kien hemm certu nuqqasijiet ghal dak li jirrigwarda it-tikhil. Madanakollu, kien hemm sitt (6) ikmamar fejn saru x-xogholijiet, per konsegwenza ta' nar fil-'computer' li kien jinstab fir-residenza tal-konvenut u kkaguna kwantita' ta' nigrufun.

Ix-xoghol fil-kcina u s-salott ma kienux saru mill-attur, izda minn terza persuna, li kien kalm wisq f'xogholu ghaliex kien idum u l-konvenut kien itterminalu l-appalt.

Fil-kaz odjern, il-konvenut ma kienx waqqaf lill-attur ghaliex ighid li ma kienx ra li kien hemm xi tgengil mal-hitan. Kien biss meta qabbad lill-bajjad li kien dahhalha f'rasu li x-xoghol ma kienx sar sew.

Kemm il-konvenut, kif ukoll ix-xhud Mizzi, naqsu li jikkumentaw fuq ix-xoghol li ghamlet dina t-terza persuna u lanqas biss identifikaw li kien sar xoghol minn haddiehor, oltre l-attur. Ghalhekk dan jaghmlu difficli ghat-Tribunal li jiddentifika minn ghamel l-aktar hsara, minkejja li l-konvenut ighid li x-xoghol minn dan it-terz kien sar sew.

Il-konvenut m'huwiex intiz f'dan ix-xoghol u dan jammetih hu stess ghaliex anke meta spicca x-xoghol l-attur kien kuntent bih.

Mizzi, u cioe' l-bajjad, zamm seba' mitt lira Maltin (Lm700), u cioe' ekwivalenti ghal elf, sitt mija u tletin Euro u sitta u hamsin centezmu (€1,630.56) xoghol ta' tikhil u tibjid.

Il-konvenut ikkonferma ukoll li l-attur kien ikkaguna l-hsara meta uza c-'chaser' ghaliex kien kisser it-tikhil mal-hajt.

Xi tip ta' hsara kien hemm, partikolarment ghal dak li jirrigwarda t-tikhil li sar mill-attur, mhux precisament fl-invjar, li jidher mill-provi sar skond is-sengha u l-arti. Ta' dan bl-ebda dubbju, l-attur ghandu jigi kumpensat.

Tenut kont li kien hemm terza persuna li hadem fl-istess post u lanqas gie ppruvat jekk kienx hadem sew jew le, dan in-nuqqas ghandu jmur favur l-attur. Dan ifisser li kien hemm b'kollox circa erbat (4) ikmamar mhux sitta (6) li hadem fihom l-attur (terz hadem fil-kcina u salott).

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li l-ammont ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120), u cioe' ekwivalenti ghal mitejn u disgha u sebghin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€279.52) huwa ammont ragjonvevoli, tenut kont tal-granet u x-xoghol li hadem l-attur, li ma kienx ghal kollox skond is-sengha u l-arti.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi li jilqa’ t-talbiet attrici in parte u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta’ mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120), u cioe’ ekwivalenti ghal  mitejn u disgha u sebghin Euro u tnejn hamsin centezmu (€279.52).

L-ispejjes ghandhom jinqasmu bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------